# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 2**

**Rikors numru 5/14 MCH**

**Raymond Farrugia u martu Patricia Farrugia u binhom Kristian Farrugia**

**v.**

**L-Avukat Generali u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2014 gew kjamati in kawza Dr Tony De Gaetano u l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

<u>Preliminari</u>

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed maghmul mill-intimat Avukat Generali u l-iehor maghmul mir-rikorrenti separatament minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza Kostituzzjonali taghha, fil-21 ta' Ottubru 2015, li permezz

taghha dik il-Qorti, wara li iddecidiet illi Kristian Farrugia ma ghandux locus standi f'dawn il-proceduri, laqghet it-tieni talba tar-rikorrenti Farrugia illi t-trapass ta' almenu seba' snin sabiex tinghata sentenza fil-kawza fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **L-Avukat Tony de Gaetano et v. l-Awtorita` tal-Ippjanar** [2219/00] ivvjola d-dritt taghhom ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u dan da parti tal-Avukat Generali biss ghax hu jirrispondi ghal tali lanjanzi, u ikkundannatu jhallas lill-konjugi Farrugia s-somma ta' €2000 bhala kumpens ghall-vjolazzjoni; ukoll cahdet it-talbiet l-ohra tar-rikorrenti, bl-ispejjez in kwantu ghal tlett kwarti mir-rikorrenti u kwart mill-Avukat Generali.

Mertu

2. In succint, permezz tal-odjerni proceduri r-rikorrenti jallegaw illi d-dewmien biex jigu kjamati fil-kawza 2219/00 LSO[1] illedilhom id-dritt ghal procedura avversali taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, filwaqt illi d-dewmien ta' iktar minn seba' snin biex tinghata s-sentenza fl-istess proceduri kien wiehed irragonevoli u eccessiv u illeda d-dritt taghhom ghal smigh xieraq a bazi tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif ukoll id-dritt ghat-tgawdija

[1] Li fihom il-konjugi DeGaetano, hawnhekk kjamati in kawza, attakkaw permess tal-Awtorita` tal-Ippjanar ghal zvilupp fil-proprjeta tal-konjugi Farrugia, hawnhekk rikorrenti.

pacifika tal-possedimenti taghhom a bazi tal-Artikolu 1 Protokoll I tal-Konvenzjoni u effettwa hazin il-hajja privata u familjari taghhom bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Il-lanjanza fil-mertu li waslet ghal din il-kawza kostituzzjonali hi bazata fuq id-dewmien li sehh fil-kawza imsemmija 2219/00 li giet deciza fl-2014. Din il-lanjanza hi maqsuma f'zewg fazijiet cioe d-dewmien inkors sakemm ir-rikorrenti konjugi Farrugia gew kjamati fl-imsemmija kawza u d-dewmien ta' kawzi tmien snin biex il-Qorti tat is-sentenza meta l-kawza kienet differita ghal dak l-iskop ghal dak iz-zmien wara l-gheluq tal-provi.
>
> "Ir-rikorrenti qed jallegaw kif gej:
> "1. Id-dewmien biex jigu kjamati fil-kawza 2219/00 li kienet taffettwahom b'mod dirett illedilhom id-dritt ghal procedura avversali taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-konvenzjoni;
> "2. It-trapass ta' seba' snin u fuqhom biex tinghata s-sentenza hu wiehed eccessiv u illeda d-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq a bazi tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;
> "3. Id-dewmien sabiex jigu decizi l-proceduri illeda d-dritt tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-proprejta a bazi tal-artikolu 1 Protokoll I tal-Konvenzjoni;
> "4. Id-dewmien effettwa b'mod negattiv il-hajja privata u familjari tar-rikorrenti bi ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.
>
> "**Fatti**
>
> "Il-fatti fil-qosor jinsorgu minn dizgwid u kwistjonijiet konnessi ma' drittijiet ta' u fuq proprjeta bejn il-konjugi De Gaetano u l-konjugi Farrugia li ghandhom proprjeta biswit xulxin u fejn il-konjugi Farrugia ottjenew permess tal-Awtorita tal-Ippjanar ghal zvilupp fil-proprjeta taghhom. Minn hemm il-konjugi Farrugia u De Gaetano kellhom problem li ghadhom sejrin sallum bil-hrug ta' enforcement notice, mandat ta' inibizzjoni u kawzi ohra konnessi.

“**Eccezzjoni li l-kawza kellha issir quddiem il-Qorti li kienet qed tisma’ l-kawza civili**

“Din l-eccezzjoni hi bla mertu billi r-rikorrenti ghandu d-dritt jintavola kawza kostituzzjonali fil-mument li jidhirlu propizju basta li issir skond il-ligi. Jekk ghandux raguni o meno fil-mertu jew jekk kellux rimedji ohra li seta approfitta ruhu minnhom flok rimedju kostituzzjonali hi kwistjoni ohra.

“**Eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ locus standi tar-rikorrenti Kristian Farrugia**

“Il-konvenuti jaghmlu din l-eccezzjoni naxxenti mill-fatt illi Kristian Farrugia qatt ma kien parti fil-proceduri tal-Qorti li waslu ghal ilment kostituzzjonali u anqas ma jidher li hu proprjetarju jew li jipposjedi l-fond li wassal ghal ksur lamentat fit-tielet u raba allegazzjoni imsemmija aktar il-fuq fis-sentenza, u lanqas kien partecipi fil-kawza li setghet tat lok ghal xi ilment in kwantu t-tielet u raba allegazzjoni.

“Jidher illi r-rikorrenti qed jibbazaw il-pretensjonijiet ta’ Kristian Farrugia ghax ghandu jitqies bhala vittma ai termini tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni. Din tghid hekk:

> “Article 34 – Individual applications
> The Court may receive applications from any person, non-governmental organisation or group of individuals claiming to be the victim of a violation by one of the High Contracting Parties of the rights set forth in the Convention or the protocols thereto. The High Contracting Parties undertake not to hinder in any way the effective exercise of this right.”

“L-intimat Dr. De Gaetano jissottometti illi r-rikorrenti Kristian Farrugia ma jistax jallacja l-pretensjoni tieghu a bazi tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea ghax tali artikolu jirreferi biss ghal proceduri quddiem il-Qorti Ewropea, u ma jaghmel ebda ness bejn partijiet u membri tal-familja taghhom.

“Din il-Qorti taqbel mal-eccezzjoni tal-intimat Dr. De Gaetano. Il-Kapitolu 319 dahhal bhala parti mill-Ligijiet ta’ Malta numru sostanzjali ta’ artikoli u protokolli fil-Konvenzjoni Ewropea fuq il-drittijiet tal-bniedem. Pero l-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea mhux wiehed mill-artikoli applikabbli ghal finijiet tal-Kapitolu 319. Il-Konvenzjoni Ewropea mhix bhal regolamenti tal-Unjoni Ewropea u ghalhekk mhix applikabbli direttament ghal Malta. La darba l-legislatur Malti eskluda l-applikazzjoni tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni mill-applikabilita ghal ligijiet Maltin li jidefinixxu u jiggarantixxu d-drittijiet tal-bniedem, allura tali artikolu ma jistax jigi applikat biex il-Qrati Maltin jisimghu ilmenti minn persuni li ma humiex dawk li sofrew il-lezjoni skond l-artikolu 4 tal-Kap. 319 li ma tinkludix il-kuncett ta’ ‘vittma’ bhala wiehed mill-persuni li tista’ tivvanta lezjoni ta’ drittijiet tal-bniedem skond il-kuncett Ewropew, kif definit fl-artikolu 34 tal-Konvenzjoni. Ma hemm xejn li

jeskludi l-fakulta lil tali persuna li tressaq l-ilment taghha quddiem l-ECHR izda mhux direttament fil-Qorti domestika.

"**Allegat ksur taht l-artikolu 1 Protokoll 1 tal-Konvenzjoni**

"Ir-rikorrenti konjugi Farrugia qed jallegaw illi d-dewmien fil-proceduri illedew id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta taghhom li kellhom fil-Gudja.

"L-artikolu rilevanti jghid hekk:

> "Article 1 – Protection of property
> Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law.
> The preceding provisions shall not, however, in any way impair the right of a State to enforce such laws as it deems necessary to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."

"Dan l-artikolu fih tlett regoli. L-ewwel wiehed id-dritt tal-protezzjoni tal-proprjeta ghal kull persuna naturali jew legali. It-tieni element hu n-nuqqas ta' tehid tal-possedimenti sakemm mhux fl-interess pubbliku u soggett ghal kondizzjoni tal-ligi u principju tal-ligi internazzjonali. It-tielet regola tirrigwarda l-kontroll tal-uzu tal-proprjeta fl-interess generali jew biex tassigura hlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew penali.

"Il-Qorti issibha difficli tifhem kif il-kawza 2210/2000 b'xi mod interferiet fid-dritt tal-proprjeta tar-rikorrenti. Dato non concesso li l-kawza damet biex inghalqet, il-kawza per se kienet tirrigwarda drittijiet ta' terzi fuq permess tal-izvilupp mahrug favur ir-rikorrenti fejn qed jigi vantat li l-permess inhareg irregolarment kif fil-fatt gie deciz bis-sentenza in Prim Istanza fis-27 ta' Marzu 2014 illum soggett ghall-appell. Fl-ebda hin u waqt din il-kawza jew sentenza ma interferiet jew imponiet restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta. Jekk ir-rikorrenti qed jirreferu ghal enforcement notice mahruga, il-lanjanza quddiem din il-Qorti hi marbuta mad-dewmien tal-kawza mhux mal-enforcement notice. L-istess jinghad ghal mandat ta' inibizzjoni. In ogni kaz f'kull fazi imsemmija, sia tal-enforcement u tal-inibizzjoni, jekk jinstab wara li jinqata' l-appell fil-kawzi, li l-konjugi De Gaetano ma kellhomx ragun, ir-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarji disponibbli li jistghu jezercitaw jekk jidhrilhom. Il-kawza li hi l-fonti tal-ilment tar-rikorrenti la cahdet u anqas interferiet fid-dritt innifsu tat-tgawdija tal-proprjeta tar-rikorrenti u ghalhekk il-lanjanza tar-rikorrenti taht dan l-artikolu hi bla bazi.

"**Allegat ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni**

> "Article 8 – Right to respect for private and family life

> Everyone has the right to respect for his private and family life, his home and his correspondence.
> There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others."

"Il-Qorti, ghall-istess ragunijiet imsemmija fil-lanjanza precedenti ma tifhimx kif il-kawza 2210/2000 b'xi mod illediet il-hajja privata tar-rikorrenti. Id-dritt ta' persuna li tagixxi quddiem il-Qrati biex tivvanta dritt jew jigi radrizzat ilment kontra terz soggett ghal gurisdizzjoni tal-Qorti jinvolvi parti avversali li tista' tigi inkomodata bl-istess proceduri kontriha pero dan ma jfissirx illi l-Qorti tkun qed tilledi dritt ghal hajja privata meta tisma, tikkunsidra u tiddeciedi kawza. Id-dritt fih innifsu jinkludi rispett lejn is sesswalita tal-persuna, l-integrita fizika u psikologika, u rispett lejn informazzjoni personali u konfidenzjali u d-dritt ghal privatezza personali. Dan id-dritt pero hu wiehed li jista' jigi limitat legalment u f'bilanc strett bejn id-dritt tal-individwu u dak tal-komunita. Il-limitazzjonijiet iridu jkunu skond il-ligi, proporzjonati u intizi ghal skopijiet legittimi bhal sigurta nazzjonali, sigurta pubblika, prevenzjoni ta' reati jew dizordni, protezzjoni ta' sahha u morali u l-protezzjoni u drittijiet ta' terzi.

"Ir-rikorrenti jilmentaw illi t-tul tal-kawza zammithom milli jkomplu jizviluppaw il-fond taghhom skond il-ligi u kellhom 'disruption' fil-hajja privata taghhom. Din il-Qorti tqis illi l-iskop tal-ewwel parti tal-artikolu 8 koncernanti l-hajja privata bl-ebda mod ma tista' tigi ekwiparata mal-fattispecie tal-kaz. Il-Qorti ma interferietx fil-hajja privata tar-rikorrenti. Anzi l-hajja privata tar-rikorrenti baqghet privata u l-vertenza ma kinitx bl-ebda mod intiza biex tinterferixxi f'tali aspett tal-hajja tar-rikorrenti. Kienet intiza biss biex jigi verifikat jekk permess mahrug min awtorita pubblika favur ir-rikorrenti kienx skond il-ligi o meno. L-inkonvenjenza materjali tar-rikorrenti tul il-proceduri ma tistax titqies bhala vjolazzjoni tal-hajja privata li forsi giet skomodata izda mhux lesa.

"In kwantu jekk il-kawza interferietx fil-hajja familjari tar-rikorrenti, din ukoll ma issibx konfort f'dak li ried il-legislatur. L-iskonfort familjari ma jistax jigi ekwiparat ma' vjolazzjoni tad-dritt ghal familja u hajja familjari. Din fl-ebda hin ma kien qed jigi mhedded jew imcahhad bil-proceduri civili quddiem il-Qorti. Altrimenti kull kawza tista' titqies bhala interferenza u pregudizzju ghal hajja familjari. Ma kien hemm ebda prova li l-hajja familjari kienet qed tigi vjolata b'xi mizuri li hadet il-Qorti.

"Fi kwalunkwe kaz jekk jirrizulta mid-decizjoni finali tal-kawza li hi l-bazi ta' din il-vertenza, li l-intimati De Gaetano ma kellhomx raguni fil-kawza, allura r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju biex jindirizzaw l-iskonfort, id-disaggju u semmai kull telf patrimonjali li gie kawzat. Pero l-Qorti fil-kawza 2210/2000 ma tistax bl-ebda mod tinstab responsabbli li interferiet negattivament fil-hajja privata jew familjari tar-rikorrenti.

"Fi kwalunkwe kaz kull skonfort u disaggir li seta' gie aggravat bil-lanjanzi ta' dewmien jista' jigi indirizzat bhala ilment kostituzzjonali u jigi assorbit fl-artikolu 6 li ser jigi trattat il-quddiem fejn jikkoncerna r-ragonevolezza taz-zmien biex tinghata sentenza.

"**Allegat lezjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni**

> "Article 6 – Right to a fair trial
> "1. In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law. Judgment shall be pronounced publicly but the press and public may be excluded from all or part of the trial in the interests of morals, public order or national security in a democratic society, where the interests of juveniles or the protection of the private life of the parties so require, or to the extent strictly necessary in the opinion of the court in special circumstances where publicity would prejudice the interests of justice."

"Din l-allegata lezjoni skond ir-rikorrenti konjugi Farrugia sehhet f'zewg fazijiet tal-kawza 2210/2000. L-ewwel lezjoni sehhet bid-dewmien biex jew kjamati in causa r-rikorrenti fil-proceduri bejn il-konjugi De Gaetano u l-MEPA. Bla dubbju l-Qorti tifhem li l-konjugi Farrugia kellhom interess dirett jippartecipaw f'dawn il-proceduri ghax kien jirrigwarda permess ta' zvilupp fil-proprjeta taghhom. Il-kawza inbdiet fid-29 ta' Settembru 2000 fejn saru zewg eccezzjonijiet preliminari mill-Awtorita, wahda dwar il-htiega li jigu kjamati l-konjugi Farrugia u l-ohra li l-atturi De Gaetano kellhom rimedji ohra disponibbli u dak mitlub ma kienx ammissibbli. Il-Qorti iddecidiet l-ahhar eccezzjoni qabel intratteniet l-eccezzjoni l-ohra tal-kjamat billi tali eccezzjoni, kieku fondata kienet tistronka l-kawza. Din l-eccezzjoni giet michud b'decizjoni tal-24 ta' Settembru 2001 wara li saru noti u l-kawza giet imhollija ghad-decizjoni preliminari b'digriet tas-7 ta' Mejju 2001 u r-rikorrenti gew kjamati in causa b'digriet tal-20 ta' Marzu 2002. Din il-Qorti ma tifhimx f'hiex tikkonsisti ezatt il-lanjanza tar-rikorrenti peress illi l-proceduri imxew b'mod regolari u mghaggel u kif giet deciza l-eccezzjoni preliminari, li setghet, kieku favorevoli ghal konvenuta Awtorita, stronkat il-kawza, gew kjamati r-rikorrenti. Il-provi kienu anqas inbdew u r-rikorrenti ma sofrew ebda pregudizzju ta' ebda natura inkluz dak ta' smigh xieraq u audi alteram partem. Ir-rikorrenti ma kellhom ebda ostakolu itellghu l-provi kollha li riedu tant li l-istess sentenza issemmi li l-process kien fih tlett volumi b'oltu elf pagna. In oltre l-istitut tal-kjamat in causa hu intiz ghall-integrita tal-gudizzju u sabiex jigu protetti d-drittijiet ta' smigh xieraq u audi alteram partem ghal min ghandu interess guridiku fil-vertenza, tant li l-Qorti stess tista' tordna l-kjamat in causa ex officio.

"Il-lanjanza tar-rikorrenti mehuda minn kwalsiasi angolu mehuda hi fiergha.

> "Ir-rikorrenti jilmentaw minn dewmien esagerat u bla raguni biex tinghata s-sentenza li kienet ilha ghas-sentenza mill-24 ta' Ottubru 2006 u inghatat biss fl-2014.
>
> "Il-Qorti ma sebet ebda raguni ghal dan id-dewmien li ma jistax jinghata ebda gustifikazzjoni li ma tinstabx mill-atti tal-kawza. Dewmien ta' tmien snin hu dewmien mhix accettabbli u jikkostitwixxi vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal decizjoni fi zmien ragonevoli skond l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Maltija u tal-ECHR dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. B'danakollu l-Qorti ma tistax ma tosservax illi r-rikorrenti kienu inerti quddiem id-differimenti ripetuti tal-Qorti biex taghti sentenza. Kellhom l-opportunita taht l-artikolu 195(5)(b) tal-Kap. 12 li dahal fis-sehh fl-2008 illi jitolbu l-bdil tal-gudikant jekk il-kawza tkun ilha pendenti ghal decizjoni bla ma tinghata ghal aktar minn tmintax-il xahar. Inspjegabilment ir-rikorrenti baqghu passivi u qed jilmentaw biss issa wara d-decizjoni tal-Prim Istanza li minnha huma stess appellaw. Mehudin flimkien dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ghandhom ragun f'dan l-ilment li wkoll kien zgur okkazzjoni ta' tbatija stressanti fuq il-hajja personali ta' kuljum. Pero huma wkoll bl-inerizja taghhom naqsu milli jiehdu mizuri disponibbli biex is-sentenza tinghata fi zmien iqsar. B'dankollu l-Qorti tqis li r-rikorrenti konjugi Farrugia ghandhom jinghataw kumpens morali ghad-dewmien biex tinghata sentenza fi zmien xieraq fl-ammont ta' €2,000."

## <u>L-Appell</u>

4. L-Avukat Generali jibbaza l-appell tieghu fuq zewg aggravji: (1) li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta iddecidiet li tilqa' t-talba tar-rikorrenti konjugi Farrugia illi t-trapass ta' almenu seba' snin sabiex tinghata sentenza fil-kawza tal-Prim'Awla fl-ismijiet **Anthony De Gaetano et v. l-Awtorita` tal-Ippjanar** tivvjola d-dritt tal-istess esponenti ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u (2) illi minghajr pregudizzju dato ma non concesso illi gie lez tali dritt, ir-rimedju ta' €2000 moghti mill-ewwel Qorti huwa eccessiv.

5. Ghalhekk jitolbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza tal-Ewwel Qorti billi filwaqt li thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn iddecidiet billi "*tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti konjugi Farrugia fil-konfront tal-Avukat Generali biss ghax hu jirrispondi ghal tali lanjanzi u tikkundannah ihallas lil konjugi Farrugia s-somma ta' €2,000 bhala kumpens ghal vjolazzjoni*" u fejn iddecidiet li "*l-ispejjez tal-kawza jithallsu in kwantu ghal tlett kwarti mill-konjugi Farrugia u kwart mill-Avukat Generali*", tipprovdi minflok billi tiddeciedi li ma sehhet l-ebda lezjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem, u tikkonfermaha ghall-kumplament b'dan illi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

6. Ir-rikorrenti jwiegbu ghall-appell tal-Avukat Generali b'risposta datata 30 ta' Novembru 2015, fejn inter alia, jitolbu lil din il-Qorti sabiex tichad in toto l-appell tal-Avukat Generali.

7. Ir-rikorrenti jibbazaw l-appell taghhom fuq is-segwenti aggravji: (1) illi ghal kuntrarju ta' dak deciz mill-ewwel Qorti, Kristian Farrugia ghandu locus standi; (2) illi l-fatti minnhom elenkati jammontaw ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 1 Protokoll 1 tal-Konvezjoni; (3) illi l-fatti minnhom elenkati

jammontaw ghal vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni; (4) illi l-fatt illi huma gew ikkjamati fil-kawza tal-Prim'Awla **Anthony De Gaetano et v. l-Awtorita` tal-Ippjanar** sentejn wara li l-istess proceduri bdew, jivvjola d-dritt taghhom ghal smigh xieraq taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni f'dak li jikkoncerna l-principju tal-avversalita`; (5) illi l-Artikolu 195(5) (b) tal-Kap 12 ma jikkostitwix rimedju taht il-Konvenzjoni; (6) illi la darba l-Qorti tal-Prim'Istanza iddikjarat vjolazzjoni tal-Artikolu 6 ghandhom jigu akkordati danni pekunjarji gusti u in linea mal-principju restitutio in integrum; (7) illi huma ma ghandhom ikunu b'ebda mod responsabbli ghall-ispejjez tal-kjamati in kawza.

8. Ghalhekk jitolbu lil din il-Qorti sabiex; (1) tikkonferma d-decizjoni appellata dwar it-tieni talba kif dedotta, izda tvarja/toffri motivazzjoni wara tali sejba ta' vjolazzjoni u tawmenta l-kumpens relattiv; (2) tilqa' t-talbiet l-ohra kollha tar-rikorrenti okkorrendo l-ghotja ta' dawk l-ordnijiet pertinenti, komprizi l-fissazzjoni ta' kumpens u tal-kundanna relattiva dwaru, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati jew liema minnhom.

9. L-Avukat Generali jwiegeb b'risposta pprezentata fit-23 ta' Novembru 2015, fejn inter alia, jitlob lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell tar-rikorrenti u tiddeciedi illi ma sehhet ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif allegat minnhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

10. Il-kjamat in kawza l-Avukat Dr Tony DeGaetano jwiegeb ghall-appelli interposti mill-Avukat Generali u mir-rikorrenti separatament b'zewg rispostiipprezentati fis-17 ta' Novembru 2015, fejn ghar-ragunijiet hemmhekk kontenuti, jissottometti illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti kienet gusta u ekwa.

11. Il-kjamata in kawza Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar wiegbet ghall-appelli interposti mill-Avukat Generali u mir-rikorrenti separatament, b'zewg risposti ipprezentati fl-20 ta' Novembru 2015, fejn tissottometti inter alia illi l-ewwel Qorti kienet korretta fil-pronunzjament taghha li hu biss l-Avukat Generali li jirrispondi ghall-lanjanza konstituzzjonali/konvenzjonali mqanqla mir-rikorrenti f'din l-azzjoni u hija ma jista' qatt ikollha l-interess guridiku mehtieg sabiex twiegeb ghall-lanjanza taghhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Fl-ewwel lok, b'referenza ghat-talba kontenuta fir-risposta tal-appell tal-Avukat Generali ghall-isfilz tad-dokument ipprezentat mar-rikors tal-appell tar-rikorrenti, din il-Qorti tosserva illi d-dokument, in kwantu jikkonsisti f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti

ta' Gudikatura Kriminali, huwa wiehed ta' dominju pubbliku u ma jikkostitwiex prova gdida li timmerita li tigi sfilzata.

13. Din it-talba qeghda ghalhekk tigi michuda.

*L-Ewwel Aggravju tar-Rikorrenti [Locus Standi – Kristian Farrugia]*

14. Ir-rikorrenti jhossuhom aggravati bid-decizjoni tal-ewwel Qorti illi Kristian Farrugia ma ghandux *locus standi* fil-kawza, u jissottomettu li taht certu cirkostanzi, individwu jista', minhabba l-legam li jkollu mal-vittma diretta tal-lezjoni, jigi akkordat 'victim status' in nomine proprio.

15. Huma jfissru hekk dan l-aggravju:

> "Kristian Farrugia hu vittma ghaliex ghal disa' snin shah [2000 – 2009] kellu – flimkien mal-genituri tieghu – jghix go dar inabitabbli milquta minn mandat ta' inibizzjoni fl-2009 jabbanduna d-dar familjari tieghu u jghix go abitazzjoni ferm izghar minn dik li kienu originarjament qed joqghodu fiha l-applikanti. Id-dar tal-Gudja kienet u ghadha dar inabitabbli ghaliex hi milquta minn mandat ta' inibizzjoni u ma' tistax tigi reza abitabbli ghaliex ebda xoghlijiet m' huma permessi fiha."

16. In tema legali ssir referenza ghall-osservazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fid-29 ta' Mejju 2015, fl-ismijiet **Lawrence Grech et v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et**:

> "Sabiex ikun jista' jiġi deċiż f'dan l-istadju preliminari jekk ir-rikorrenti għandhomx locus standi f'dawn il-proċeduri wieħed irid neċessarjament jistrieħ fuq dak allegat fir-rikors promotorju tal-ġudizzju. Dan ma jfissirx, iżda, li s-sempliċi allegazzjoni tar-rikorrenti hi

waħedha biżżejjed. Wieħed irid jara jekk, meta tassumi li l-vjolazzjoni allegata avverat ruħha, huwiex plawżibbli li r-rikorrent hu vestit b'tali locus standi u dan fuq il-bażi tal-fatti allegati minnu u dawk miġjuba mill-intimati.

….omissis…..

"14. In vista anki tal-mod kif il-kwistjoni ta' vittma diretta u vittma indiretta ġiet impostata mill-partijiet kollha tal-kawża, l-ewwel Qorti daħlet sabiex tagħmel analiżi approfondita u erudita tal-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg dwar din il-materja fuq l-iskorta tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni li ġie wkoll direttament kjamat in kawża mir-rikorrenti fir-rikors promotorju tagħhom. Il-fatt hu, iżda, li l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni ma hux parti mil-liġijiet ta' Malta peress li ma hux fost l-artikoli tal-liġi li jinsabu riprodotti fl-Ewwel Skeda mal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma hux parti mil-liġijiet ta' Malta u l-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg dwaru ma tistax, f'dan ir-rigward, tillustra l-pożizzjoni legali f'pajjżna. L-ewwel Qorti qalet sewwa fis-sentenza appellata li "l-azzjoni taħt il-Kostituzzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali trid titħares mil-lenti tal-interess ġuridiku tal-parti li titlob ir-rimedju". U in vista tal-premess, mill-istess lenti trid titħares ukoll azzjoni taħt l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea li tilmenta minn leżjoni ta' xi wieħed md-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem miġjuba fl-Ewwel Skeda mal-istess Att.

"15. Id-domanda li trid issir, għalhekk, hi jekk mart ir-rikorrent Lawrence Grech u r-rikorrenti uliedu għandhomx interess ġuridiku kif mifhum fl-ordinament ġurdiku tagħna sabiex jipproponu l-azzjoni ta' llum. Ġie kostantement ritenut mill-Qrati tagħna[2] li l-interess irid ikun (a) ġuridiku, fis-sens li d-domanda jrid ikun fiha ipotesi tal-eżistenza ta' dritt u ta' vjolazzjoni tiegħu; (b) dirett fis-sens lil jeżisti fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi tagħha; (c) personali, fis-sens li jirrigwarda lill-atturi, ħlief fil każ tal-azzjoni popolari; (d) attwali, fis-sens li jrid joħroġ minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, u ċioè l-vjolazzjoni attwali tal-liġi trid tikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva kontrarja għall-godiment ta' dritt legalment appartenenti jew spettanti lid-detentur. In sintesi, l-interess ġuridiku jeżisti fejn konvenut jirrifjuta li jirrikonoxxi dritt appartenenti lill-attur."

17. Fil-kaz odjern, ir-rikorrenti wkoll jikkjamaw l-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni fir-rikors promotur taghhom, izda kif hawn fuq riportat, dan

[2] Ara, bħala eżempju, Q App. Helen Tabone et v. Mike Services Station Ltd. et, 27/3/2015; Q. App. Cecil Pace et v. Emanuel A. Bonello pro. et noe., 24/9/2004; P.A. Anna Attard et v. Rev. Patri Serafin Abela et, 12/12/2001 u l-ġurisprudenza hemm ċitata, P.A. John Muscat et v. Rachelle Buttigieg et., 27/3/1990

ma jiffurmax parti mill-ligi nostrana, u ghalhekk l-interess guridiku ta' Kristian Farrugia jrid jigi ezaminat fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna kif hawn fuq spjegat.

18. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-interess li jista' jkollu Kristian Farrugia jfalli izjed minn test wiehed minn dawk hawn fuq ikkwotati fis-sens illi la huwa personali u lanqas attwali. Dan qed jinghad ghas-segwenti ragunijiet: li huwa ma kienx parti fil-proceduri fil-kawza civili [2219/00]; li, il-fond li fih saru x-xoghlijiet mill-genituri tieghu, jappartjeni lill-genituri tieghu u mhux lilu u ghalhekk mhuwiex possediment tieghu fit-termini tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 1; li, il-fatt li hu flimkien mal-genituri iddecidew li jmorru jghixu go post izghar sakemm jitlestew ix-xoghlijiet fl-imsemmi fond, ma jistax iwassal ghall-vjolazzjoni fil-konfront tieghu tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, inkwantu x-xoghlijiet li saru fid-dar kienu rizultat ta' decizjoni mehuda mill-genituri tieghu kif kienet ukoll decizjoni tal-genituri tieghu li jmorru jghixu temporanjament go appartament u, inoltre, hu baqa' jghix flimkien mal-familja tieghu go fond maghzul minnhom u ghalhekk il-hajja familjari tieghu ma tistax titqies li giet disturbata fit-termini tal-artikolu precitat.

19. Inoltre, dwar il-vjolazzjoni kontemplati fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jigi osservat li, dato non concesso li tinstab wahda jew izjed mil-vjolazzjonijiet reklamati mill-

atturi, dawn jistghu jinstabu biss fil-konfront ta' tal-genituri tieghu li huma l-partijiet fil-kawza civili [2219/00] li dwarha qieghed jigi ilmentat dewmien eccessiv.

20. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, ma jistax jinghad illi xi wiehed jew izjed mill-intimati qieghed jirrifjuta li jirrikonoxxi dritt appartenenti lil Kristian Farrugia, u konsegwentement dan ma ghandux il-*locus standi* necessarju sabiex ikun parti fl-odjerni proceduri.

21. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

*L-Ewwel Aggravju tal-Avukat Generali [Smigh Xieraq – Dewmien]*

22. Dan jittratta s-sejba tal-ewwel Qorti ta' nuqqas ta' smigh xieraq minhabba dewmien ta' almenu seba' snin sabiex tinghata s-sentenza fil-proceduri 2219/00.

23. In tema legali ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Anton Camilleri v. Avukat Generali**, 1 ta' Frar 2016, fejn inghad in materja illi:

> "... dwar jekk jezistiex tassew ksur tal-jedd tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, tenut kont, fost affarijiet ohra, ta' tliet binarji ormai ben assodati fil-gurisprudenza

patria u dik Ewropeja, ossia il-komplessita' tal-kaz, l-agir taz-zewg partijiet u 'what was at stake for the applicant in a given case.'[3]

"21. Jinsab ukoll assodat il-fatt li ma tezisti ebda lista komprensiva li tista' twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri. Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti ghandha tikkunsidra l-fatturi fuq indikati ghandu jitqies kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in kwistjoni.

"22. Jinsab ritenut illi:

"As regards the criteria for assessing whether the General Court has observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 181 and the case-law cited).

"…. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v Commission, paragraph 182 and the case-law cited)."[4]

"23.Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', l-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita' li jhalli f' idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f' socjeta' demokratika.[5] Dan jfisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu.'[6]

24. Issir ukoll referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti datata 22 ta' Frar 2013, fl-ismijiet **Emanuel Portelli et v. Avukat Generali et**, fejn dwar dewmien ta' seba' snin sabiex tinghata s-sentenza inghad:

---

[3] ECHR, Gordeyev vs Russia (Application no. 40618/04) 5/02/2015
[4] Grand Chamber, Kendrion NV vs European Commission, 26/11/2013, C-50/12P para 96-97
[5] Q.Kos. Emanuela Brincat vs L-avukat Generali, 21/2/1996 [Vol.80]
[6] Q. Kos. Zakkarija Calleja vs L-Avukat Generali, 15/12/2015

"[28] Tosserva wkoll li ma jirrizultax li kien hemm raguni valida li setghet tiggustifika b'xi mod dan id-dewmien ta' seba' snin ghall-ghoti tas-sentenza, liema dewmien ma jistax jitqies bhala wiehed ragjonevoli, anke kkunsidrat il-komplessita' tal-punt legali involut, u ghalhekk dan jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni fil-konfront tar-rikorrenti li, ghalkemm ma jidhirx mill-atti li pprezentaw rikors f'dan ir-rigward, izda zgur li l-incertezza li sofrew ghal dan it-tul taz-zmien sabiex tigi determinata l-vertenza kienet raguni ta' anzjeta' u frustrazzjoni [sottolinear ta' din il-Qorti] da parti taghhom, u ta' dan, ghandhom jigu kkumpensati.[7]"

25. Issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea **Richard Anderson v. United Kingdom** deciza fid-9 ta' Frar 2010[8]:

"As the Court has frequently stated, the State remains responsible for the efficiency of its system; the manner in which it provides for mechanisms to comply with the reasonable time requirement – whether by automatic time-limits and directions or some other method – is for it to decide. If a State allows proceedings to continue beyond the "reasonable time" prescribed by Article 6 of the Convention without doing anything to advance them, it will be responsible for the resultant delay (Bhandari v. the United Kingdom, no. 42341/04, § 22, 2 October 2007, together with further references therein)….

"39. …….. it accepts the unreasonable delay in the Court of Session proceedings must have caused the applicant some distress and frustration. As a result he has certainly suffered non-pecuniary damage which is not sufficiently made good by the finding of a violation of the Convention. Ruling on an equitable basis, it awards him EUR 1,500."

26. Fid-dawl tal-kostatazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet hawn fuq raportati, din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi fic-cirkostanzi tal-kaz odjern kien hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli kif sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dan qed jinghad b'mod

[7] F'dan il-kaz il-Qorti akkordat kumpens ta'€700

[8] Applic. no. 19859/04

partikolari ghat-tul ta' zmien irragonevoli li matulu l-kawza damet differita ghas-sentenza ghal zmien seba' snin u ghalhekk kien hemm inattivita` gudizzjarja.

27. Ghaldaqstant dan l-aggravju tal-Avukat Generali huwa manifestament infondat.

*Ir-Raba` Aggravju tar-Rikorrenti [Smigh Xieraq – Kjamati fil-Kawza]*

28. F'dan l-aggravju r-rikorrenti jilmentaw mill-fatt illi fil-kawza 2219/2000, il-Qorti ammettiet il-kjamat fil-kawza taghhom sentejn wara li kienu inbdew il-proceduri b'dan illi d-drittijiet taghhom taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni gew lezi f'dak li jikkoncerna l-principu tal-kontraddittorjeta`.

29. Da parti tieghu l-Avukat Generali jwiegeb ghal dan l-aggravju billi jghid illi huwa d-dritt tal-partijiet <u>fil-kawza</u> illi jkollhom smigh indipendenti, imparzjali u pubbliku fi zmien ragjonevoli minn qorti jew awtorita` gudikanti imwaqqfa bil-ligi u huwa f'idejn l-attur li jiddetermina kontra min jiftah il-kawza; l-imsemmija artikoli tal-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni ma jimponu ebda obbligu fuq il-qrati li jikkjamaw in kawza terzi. Inoltre, jsostni illi huma issejhu fil-kawza fi stadju bikri meta kienet ghadha giet biss trattata eccezzjoni preliminari u ghalhekk ma kien hemm xejn

legalment li jimpedixxi lir-rikorrenti milli jressqu provi, jaghmlu l-kontro-ezamijiet, noti ta' sottomissjonijiet u repliki taghhom.

30. Il-Qorti taghmel referenza ghall-**Guide to Article 6: Right to a fair trial (civil limb)**[9], fejn f'pagna 41 il-kuncett ta' proceduri kontradittorji gie spjegat bil-mod segwenti:

> "219. ……. the right to adversarial proceedings means in principle the opportunity for the parties to a criminal or civil trial to have knowledge of and comment on all evidence adduced or observations filed, even by an independent member of the national legal service, with a view to influencing the court's decision *(Ruiz-Mateos v. Spain, § 63; McMichael v. the United Kingdom, § 80; Vermeulen v. Belgium, § 33; Lobo Machado v. Portugal, § 31; Kress v. France [GC], § 74).* This requirement may also apply before a Constitutional Court *(Milatova v. the Czech Republic, §§ 63-66; Gaspari v. Slovenia, § 53).*
>
> "The actual effect on the court's decision is of little consequence (Nideröst-Huber v. Switzerland, § 27; Ziegler v. Switzerland, § 38); the right to adversarial proceedings must be capable of being exercised in satisfactory conditions: a party to the proceedings must have the possibility to familiarise itself with the evidence before the court, as well as the possibility to comment on its existence, contents and authenticity in an appropriate form and within an appropriate time *(Krčmář and Others v. the Czech Republic, § 42; Immeubles Groupe Kosser v. France, § 26),* if necessary by obtaining an adjournment *(Yvon v. France § 39)*; the parties should have the opportunity to make known any evidence needed for their claims to succeed *(Clinique des Acacias and Others v. France, § 37)*; the court itself must respect the adversarial principle, for example if it rules that the right to appeal on points of law has been forfeited on grounds of inadmissibility which it advances of its own motion *(Clinique des Acacias and Others v. France, § 38; compare Andret and Others v. France (dec);* (in this last case the Court of Cassation had informed the parties that new arguments were envisaged and the applicants had had an opportunity to reply before the Court of Cassation pronounced judgment); it is for the parties to a dispute alone to decide whether a document produced by the other party or evidence given by witnesses calls for their comments. Litigants' confidence in the workings of justice is based on the knowledge that they have had the opportunity to express their views on every document in the file

9 Council of Europe/European Court of Human Rights, 2013

> *(including documents obtained by the court of its own motion: K.S. v. Finland, § 22) (Nideröst-Huber v. Switzerland, § 29; Pellegrini v. Italy, § 45).*"

31. Fid-dawl tal-principji hawn fuq riportati, din il-Qorti ma ssib xejn fil-process tal-kawza 2219/00 li seta' jivvjola d-drittijiet tar-rikorrenti taht l-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Din il-Qorti thoss opportuna li taghmel taghmel referenza espressa ghall-kostatazzjonijiet tal-Ewwel Qorti in meritu u taghmilhom taghha:

> "...l-Qorti tifhem li l-konjugi Farrugia kellhom interess dirett jippartecipaw f'dawn il-proceduri ghax kien jirrigwarda permess ta' zvilupp fil-proprjeta taghhom. Il-kawza inbdiet fid-29 ta' Settembru 2000 fejn saru zewg eccezzjonijiet preliminari mill-Awtorita, wahda dwar il-htiega li jigu kjamati l-konjugi Farrugia u l-ohra li l-atturi De Gaetano kellhom rimedji ohra disponibbli u dak mitlub ma kienx ammissibbli. Il-Qorti iddecidiet l-ahhar eccezzjoni qabel intratteniet l-eccezzjoni l-ohra tal-kjamat billi tali eccezzjoni, kieku fondata kienet tistronka l-kawza. Din l-eccezzjoni giet michud b'decizjoni tal-24 ta' Settembru 2001 wara li saru noti u l-kawza giet imhollija ghad-decizjoni preliminari b'digriet tas-7 ta' Mejju 2001 u r-rikorrenti gew kjamati in causa b'digriet tal-20 ta' Marzu 2002. Din il-Qorti ma tifhimx f'hiex tikkonsisti ezatt il-lanjanza tar-rikorrenti peress illi l-proceduri imxew b'mod regolari u mghaggel u kif giet deciza l-eccezzjoni preliminari, li setghet, kieku favorevoli ghal konvenuta Awtorita, stronkat il-kawza, gew kjamati r-rikorrenti. Il-provi kienu anqas inbdew u r-rikorrenti ma sofrew ebda pregudizzju ta' ebda natura inkluz dak ta' smigh xieraq u audi alteram partem. Ir-rikorrenti ma kellhom ebda ostakolu itellghu l-provi kollha li riedu tant li l-istess sentenza issemmi li l-process kien fih tlett volumi b'oltre elf pagna. In oltre l-istitut tal-kjamat in causa hu intiz ghall-integrita tal-gudizzju u sabiex jigu protetti d-drittijiet ta' smigh xieraq u audi alteram partem ghal min ghandu interess guridiku fil-vertenza, tant li l-Qorti stess tista' tordna l-kjamat in causa ex officio."

32. Kif jirrizulta mill-process tal-kawza 2219/00, permezz ta' nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-13 ta' Novembru 2000, l-Awtorita` tal-Ippjanar eccepiet, fost affarijiet ohra, illi l-konjugi Farrugia kellhom jigu

kjamati in kawza bhala partijiet interessati, kif ukoll illi l-azzjoni attrici kienet insostenibbli ghaliex [l-hemmhekk atturi] il-konjugi DeGaetano ghazlu li ma jfittxux il-ksib ta' rimedju ordinarju skond l-Att Nru I tal-1992 kif irid l-Artikolu 469A (4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Sussegwentement, il-partijiet ressqu l-provi u s-sottomissjonijiet taghhom dwar it-tieni eccezzjoni tal-konjugi DeGaetano dwar id-disposizzjonijiet ta' l-Artiklu 469A (4) u l-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' sentenza preliminari moghtija fl-24 ta' Settembru 2001 cahdet l-eccezzjoni in kwistjoni u, wara li affermat il-gurisdizzjoni taghha li tisma' l-kaz, ordnat li s-smigh tal-kawza jissokta fil-mertu. Waqt l-udjenza sussegwenti, jigifieri dik tal-21 ta' Novembru 2001, il-Qorti halliet il-kawza ghall-provi u trattazzjoni dwar it-talba ghall-kjamat in kawza tal-konjugi Farrugia u permezz ta' sentenza preliminari moghtija fl-20 ta' Marzu 2002, il-Prim'Awla iddecidiet illi jkun opportun li l-konjugi Farrugia jigu kjamati in kawza biex jirrispondu ghall-allegazzjonijiet maghmulin fil-konfront taghhom u ghat-talbiet tal-atturi fejn dawn jikkoncernawhom fil-qrib.

33. Huwa minnu ghalhekk illi meta r-rikorrenti kienu gew ammessi fil-kawza civili l-provi fil-mertu kienu ghadhom ma nbdewx jinstemghu u ghalhekk huma kellhom l-opportunita` kollha li jressqu nota tal-eccezzjonijiet, provi, jaghmlu kontro-ezamijiet u jipprezentaw

sottomissjonijiet fil-kors tal-istess proceduri, kif fil-fatt ghamlu bhall-partijiet l-ohra fil-kawza.

34. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa manifestament infondat u qed jigi respint.

*It-Tieni Aggravju tar-Rikorrenti [Art.1 Prot.1]*

35. Fit-tieni aggravju r-rikorrenti jilmentaw mill-fatt illi l-ewwel Qorti injorat ghal kollox il-fatti u l-gurisprudenza imressqa mill-esponenti meta qalet li ma tistax tifhem kif il-kawza 2219/2000 interferiet fid-dritt tal-proprjeta` taghhom.

36. Ifissru hekk dan l-aggravju:

> "illi l-vjolazzjonijiet taht l-Artikolu 1 tal-Protokoll 1 tal-Konvenzjoni qed jigu allegati f'din is-sitwazzjoni bhala <u>konsegwenza</u> tal-vjolazzjoni tal-Artikolu 6 ghal zewg ragunijiet, u cioe`: [I] it-trapass ta' aktar minn seba' snin minn meta l-istess kawza thalliet ghas-sentenza u meta effettivament inghatat u, [II] li l-esponenti gew imcahhda mid-dritt ghal proceduri avversali u dan kif delineat fl-applikazzjoni originali taghhom." ……….
>
> "Il-Protokoll 1 Art 1 jitratta d-depravazzjoni [recte: privazzjoni] illegali tal-propjeta jigifieri, f'termini pozittivi, id-dritt li wiehed igawdi l-propjeta tieghu fit-termini tal-Ligi. Jigifieri jekk, bhall-esponenti, li minhabba l-mandat ta inibizzjoni abbinat mal-proceduri 2219/2000, imzewweg mal-Vjolazzjoni tal-Art. 6 u cioe` tat-trapass ta aktar minn seba snin minn meta l-kawza 2219/2000 thalliet ghas-sentenza u meta effettivament inghatat, jammonta ukoll ghall-vjolazzjoni tal-Protokoll 1 Art. 1.
>
> "Protokoll 1 Art. 1. jinkludi kemm obligazzjonijiet pozittivi kif ukoll negattivi. Jigifieri l-Istat kontraenti ghandu, apparti li ma jostakolax it-

> tgawdija pacifika tal-propjeta, ghandu ukoll id-dover li jagixxi b'mod illi jippromwovi u jipprotegi t-tgawdija tal-proprjeta`, u dan tal-ahhar specjalment meta jkun hemm nexus dirett bejn l-agir ta awtoritajiet governattivi (inkluz l-awtoritajiet gudizzjarji) u t-tgawdija pacifika tal-propjeta ta' individwu. F'dawn il-proceduri Kostituzzjonali partikolarment qed jigi trattat dan il-punt fejn l-agir ta awtorita gudizzjarja wasslet ghal vjolazzjoni tad-tgawdija tal-proprjeta."

37. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> "Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku, bla hsara tal-kondizzjonijiet provduti mill-ligi u tal-principji generali tal-ligi internazzjonali.
>
> "Izda d-dispozizzjoni ta' qabel ma ghandha b'ebda mod tnaqqas id-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhirlu xierqa biex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta' skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni."

38. In materja issir referenza ghall-osservazzjonijiet ta' din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Zammit v. Ellul Vincenti noe**, deciza fil-31 ta' Lulju, 1996, fejn, b'referenza ghal dan l-artikolu din il-Qorti irriteniet:

> "Hu immedjatament ovvju li l-protezzjoni tal-konvenzjoni hi favur it-tgawdija pacifika tal-possedimenti ta' kull persuna u kontra li jigu pprivati minnhom hlief fl-interess pubbliku. Ovvju wkoll li dan id-dritt ma jezistix u allura ma jistax jigi vjolat jekk il-persuni, f'dan il-kaz l-appellant, ma jipprovawx li huma ghandhom jew kellhom, fil-mument tal-allegata vjolazzjoni, il-possedimenti li minnhom jallegaw li gew illegalment u abbuzivament ipprivati".

39. Dwar il-kuncett ta' possediment fit-termini tal-artikolu konvenzjonali fuq citat, din il-Qorti tirreferi ghall-osservazzjonijiet guridici maghmula mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali

taghha fil-kawza **Francis Saviour Borg v. Kummissarju tal-Artijiet**, 27 Gunju 2014 fejn dik il-Qorti qalet hekk:

> "…….din il-Qorti tirrileva li ghalkemm l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ma jipprovdiniex b'definizzjoni ta' f'hiex jikkonsisti l-kuncett ta' beni jew possedimenti, gie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kuncett ghandu jigi interpretat b'mod wiesa. In fatti, f'Mellacher v. Austria, 19 ta' Dicembru, 1989 dan il-kuncett gie interpretat li ma jinkludix biss art, imma anke interessi ohra li ghandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jimmanifestax din il- karatteristika ta' valur ekonomiku, dan jezorbita awtomatikament mill-iskop jew lapplikabbilita` ta' dan l-Artikolu.
>
> "Skond ma tikteb Monica Carss-Frisk fil-ktieb taghha[10], in fatti, "... the concept of what constitutes property or "possessions", in Article 1 of Protocol Number 1 is wide;.... a range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests."

40. Fid-dawl tal-premess m'ghandux ikun hemm dubju li l-fond tal-konjugi Farrugia li kien iservi bhala d-dar matrimonjali taghhom jikkostitwixxi possediment fit-termini tal-artikolu fuq citat u, il-fatt li, minhabba l-mandat ta' inibizzjoni li permezz tieghu kellhom jitwaqqfu hesrem x-xogholijiet li kienu bdew l-atturi fil-fond, abbinat mad-dewmien irragjonevoli, jew ahjar esagerat, sabiex jigu konkluzi l-proceduri legali u li ghadhom mhux konkjuzi, manifestament jikkostitwixxi interferenza sproporzjonata fit-tgawdija da parti tal-konjugi Farrugia tal-possediment taghhom.

41. Fir-rigward u ghall-ahjar intendiment ta' din il-parti tal-gudizzju huwa opportun li jigu delineati l-fatti li kkostringew lir-rikorrenti Farrugia

[10] A Guide to Implementations of Article 1 of Protocol Number 1, page 10.

sabiex ma jibqghux joqghodu fid-dar taghhom u jmorru jghixu temporanjament band' ohra.

42. Fl-affidavit[11] taghha r-rikorrenti tispjega r-raguni ghaliex wara disa' snin jghixu f'kondizzjonijiet hziena, huma hargu mid-dar taghhom f'Awissu 2009 u marru jghixu temporanjament go appartament. Hija tghid li matul ix-xogholijiet li kienu qed jaghmlu fid-dar gew imwaqqfa milli jkomplu bix-xogholijiet bir-rizultat li lanqas l-aperturi tal-aluminium ordnati minnhom ma kienu hallewhom jitwahhlu. Ghalhekk il-konjugi Farrugia kienu spiccaw jghixu bi tnax-il apertura nieqsa: sebgha fis-sular ta' fuq u hamsa fis-sular ta' isfel.

43. Tkompli tispjega:

> "Spiccajna nghixu go dar fejn jekk taghmel hafna xita kien hemm il-perikolu li jidhol l-ilma fuq is-ssistema tal-elettriku li kienet mikxufa …. Peress li konna qlajna xi hitan kien hemm ukoll il-perikolu reali u kostanti tal-wajers indendiln mis-saqaf u ta' konduit tiela mill-art! …… spiccajna bil-kaxxa tad-drenagg fuq gewwa tal-kamra tal-banju, liema kamra kienet nofsha mikssra peress li kienet giet estiza b'xaft li kien imiss maghha. …. Ma stajniex nitilghu fis-sular ta' fuq jekk mhux b'sellum twil ghax il-hsieb taghna kien li nordnaw tarag tal-injam wara li npoggu l-madum il-gdid fis-sular ta' isfel. Fuq kollox kellna nghix f'ambjent mimli trab…"

44. Fid-dawl tal-premess din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fir-rigward, senjatament fl-osservazzjoni taghha li "*fl-ebda hin u waqt din il-kawza jew sentenza ma*

[11] Foll.8 *et seq.*

*interferiet jew imponiet restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' tgawdija tal-proprjeta. Jekk ir-rikorrenti qed jirreferu ghal enforcement notice mahruga, il-lanjanza quddiem din il-Qorti hi marbuta mad-dewmien tal-kawza mhux mal-enforcement notice. L-istess jinghad ghal mandat ta' inibizzjoni*".

45. Il-provi juru mod iehor. Ir-rikorrenti twaqqfu milli jkomplu jesegwixxu x-xogholijiet mibdija minnhom fid-dar fejn kienu qed joqghdu bir-rizultat li wara diversi snin ta' tbatija huma kienu kostretti jitilqu minn darhom sakemm jigu konkluzi l-proceduri fil-kawza de quo. Ghalhekk l-argument li la l-mandat ta' inibizzjoni u lanqas id-dewmien f'dawk il-proceduri ma interferew fid-dritt tat-tgawdija pacifika tal-fond taghhom huwa legalment u fattwalment insostenibbli. Huwa legalment insostenibbli ghax minhabba l-mandat ta' inibizzjoni u l-ordnijiet tal-enforzar huma ma setghux legalment jiffinalizzaw ix-xogholijiet minnhom mibdija. Huwa fattwalment insostenibbli ghax jirrizulta car li d-dewmien esagerat li damu dawk il-proceduri xekkel lill-atturi fit-tgawdija hielsa ta' hwejjighom bi ksur tal-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

46. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh.

*It-Tielet Aggravju tar-Rikorrenti [Art.8]*

47. F’dan l-aggravju r-rikorrenti jilmentaw illi huma qed isofru vjolazzjoni tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Dan l-artikolu jitratta dwar il-“godiment tal-hajja familjari”.

48. L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> “(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta’ daru u tal-korrispondenza tiegħu.
>
> “(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta’ dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f’soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta’ delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta’ ħaddieħor.”

49. Minn qari ta’ dan l-artikolu diga` jirrizulta car illi fil-kaz odjern ma hemm ebda ndhil minn awtorita` pubblika dwar l-ezercizzju da parti tar-rikorrenti tad-dritt taghhom ghall-ħajja privata, tal-familja u ta’ darhom. Kif qalet tajjeb l-ewwel Qorti, kieku kellu jigi ammess l-argument tar-rikorrenti, dan ikun ifisser illi kull kawza tkun tista’ titqies bhala interferenza fil-hajja privata u familjari, ghaliex proceduri gudizzjarji necessarjament joholqu skonfort u turbulenzi fil-partijiet fihom. Ghal kuntrarju, l-access ghall-qrati huwa propju wiehed mid-drittijiet ta’ kull persuna f’socjeta` demokratika fejn tirrenja s-saltna tad-dritt.

50. F’dan il-kaz is-sejba ta’ dewmien fil-proceduri gudizzjarji ma twassalx ghas-sejbien ta’ lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti protetti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, ghaliex id-dewmin fil-proceduri, anke jekk leziv tal-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq citati, ma jistax jikkwalifika bhala indhil minn awtorita` pubblika fil-hajja privata taghhom. Id-decizjoni li jsiru x-xogholijiet kienet wahda volontarja mehuda minnhom u f’dan ir-rigward l-Istat dahal biss meta gie invokat minn terzi sabiex jipproteggi d-drittijiet pretizi minnhom u li huma l-meritu ta’ proceduri civili li ghadhom pendenti. Barra minn hekk, kif diga` fuq spjegat, il-fatt li matul il-perijodu li fih ir-rikorrenti marru joghqodu temporanjament go fond iehor u fejn baqghu jghixu bhala familja flimkien ma’ binhom u minghajr indhil pruvat fil-hajja privata taghhom, jimmilita serjament kontra u jgib fix-xejn dan l-aggravju.

51. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*Il-Hames Aggravju tar-Rikorrenti [Rimedju Art.195 Kap.12]*

52. In kwantu relatat ma’ ta’ qablu, dan l-aggravju ser jigi trattat f’dan l-istadju.

53. Ir-rikorrenti jilmentaw mill-fatt illi l-ewwel Qorti irriteniet illi huma kellhom juzaw il-metodu moghti taht l-Artikolu 195(5)(a) u (b) tal-Kodici

ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili in kwantu dan l-artikolu jipprovdi illi parti tista' titlob li jinbidel il-gudikant f'kawza jekk din tkun ilha ghas-sentenza iktar minn tmintax-il xahar. Ir-rikorrenti ma ghamlux uzu minn dan ir-rimedju waqt il-proceduri fil-kawza civili [2219/00] li kienet qed tigi differita ghas-sentenza u, ghalkemm l-ewwel Qorti sabet lezjoni tad-dritt taghhom ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, hija hadet in konsiderazzjoni l-inerzja taghhom f'dan il-kuntest.

54. In materja dwar il-fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi stabbilit rimedju adegwat, din il-Qorti taghmel referenza ghall-ktieb **Taking a Case to the European Court of Human Rights**, fejn l-awtur Philip Leach jikteb:

> "The Court has said that the rule in Article 35 should be applied with 'some degree of flexibility and without excessive formalism.'[12] This flexibility reflects the fact that the rule is being applied in the context of a system intended to protect human rights.[13] Therefore the exhaustion of domestic remedies is not absolute, nor is it applied automatically….
>
> Whilst Article 35(1) states that the Court may only deal with a matter after all domestic remedies have been exhausted, an applicant is only required ti pursue remedies that are available, effective and sufficient."[14] (Pg 128)….
>
> "In cases of doubt about the effectiveness of a domestiv remedy...for the purposes of the European Court's exhaustion of domestic remedies, the remedy should be pursued."[15] (Pg 130)…...
>
> "In cases concerning the undue length of proceedings, a remedy will be considered effective either if it can lead to the expedition of the proceedings, or if it provides adequate redress for delays that have

[12] See e.g. Guzzardi v Italy, Series A, No 39, 6.1.80, para 72; Cardot v France, No 11069/84 para 34; Demopoulos and others v Turkey, No 46113/99 et al., dec 1.3.10, para 70
[13] Akdivar v Turkey No. 21893/93, 16.9.96, para 69
[14] Pg 128
[15] Pg 130

> already occurred.[16] However the Court has underlined, given the prevalence of this problem in may states, that prevention, by expediting the proceedings, is of course much the better option.[17] Nevertheless, where length if proceedings violations already exist, a remedy to expedite proceedings may not be considered in itself adequate to redress the situation.[18]" (Pg 134)

55. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq ikkwotati, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti fl-osservazzjoni taghha illi r-rikorrenti kienu passivi meta f'seba' snin shah illi l-kawza kienet imhollija ghas-sentenza, huma kellhom rimedju u ma uzawhx[19]. Dan ir-rimedju seta' ntuza sabiex jigu espediti l-proceduri quddiem dik il-Qorti bl-ghoti tas-sentenza minghajr aktar dewmien. Din il-Qorti tosserva wkoll li, ghalkemm huwa minnu li huwa desiderabbli li l-Qorti li tkun semghet il-provi tkun l-istess Qorti presjeduta mill-istess gudikant stante li dan ikun sema' l-provi viva voce, izda l-bdil ta' gudikanti matul il-process ma jimmilitax kontra d-dritt ta' smigh xieraq.

56. Fir-rigward, il-Qorti Ewropea osservat li, il-bdil ta' gudikant li jkun qed jisma' kawza huwa fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-konsiderazzjoni tad-dewmien tal-kawzi "*The changes of presiding judges represent a <u>natural part of the life of a court</u> and may occasion a degree of delay*" *[Deumeland v Germany, judgment of 29th May 1986 .....]*

---

[16] Surmeli v Germany, No. 75529/01, 8.6.06, para 99
[17] Scordino v Italy (No 1) No. 36813/97, 29.03.06, para 183; Surmeli v Germany No 75529/01, para 100
[18] Scordino v Italy (No 1) No. 36813/97, 29.03.06, para 185
[19] Ghal precizjoni din il-Qorti tosserva li fit-8 ta'Awissu 2011 ir-rikorrenti kienu prezentaw rikors fl-atti tal kawza civili fejn, wara li lmentaw li kienu qed isofru pregudizzju mit-tul taz-zmien li fih l-kawza kienet ilha ghas-sentenza, talbu li dik il-qorti tghaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza b' urgenza [Vol.3 Fol.1203]. Jidher mill-atti li ma nghatax digriet finali fir-rigward.

*[ECHR 34539/02 Debono vs Malta, 7 Feb.2006 para.40]*[20]. F'cirkostanzi bhal dawn ma hemm xejn li jimpedixxi lill-partijiet li, minkejja li jkunu ghamlu sottomissjonijiet bil-miktub, jitolbu li ssir trattazzjoni orali mill-gdid quddiem il-gudikant sostitwit; hekk kif sar fil-kaz prezenti meta l-kawza giet differita ghat-trattazzjoni finali dwar uhud mill-eccezzjonijiet sollevati, liema trattazzjoni saret quddiem gudikant li ta s-sentenza u peress li wkoll giet traskritta, tinsab fl-atti[21].

57. Ghalhekk, minkejja l-ilment tar-rikorrenti dwar il-fatt jibqa' li huma kellhom l-opportunita` li wara sena u nofs illi l-kawza kienet ilha differita ghas-sentenza, jittantaw ir-rimedju kontemplat mill-ligi procedurali taghna. Izda huma naqsu milli jaghmlu dan, u allura kienet korretta l-ewwel Qorti meta, filwaqt li ma ddeklinatx milli tippronunzja ruhha fuq it-talba in kwistjoni, hadet dan il-fatt in konsiderazzjoni fil-komputazzjoni tal-kumpens xieraq.

58. Fl-ahharnett din il-Qorti, b'referenza ghal dak sottomess mir-rikorrenti f'dan l-aggravju dwar il-fatt li l-Qorti cahdet it-talba ghall-isfilz tas-sentenza li illiberat lir-rikorrent Raymond Farrugia mill-akkuzi kriminali dwar dikjarazzjoni jew stqarrija falza maghmula fuq dokumenti ipprezentati l-MEPA, ma tarax ir-rilevanza ta' tali sentenza mal-mertu tal-aggravju in kwistjoni.

---

[20] Sottolinear ta' din il-Qorti
[21] Udjenza 27 Gunju 2013 [LSO] Vol.3 fols.1218 et seq

59. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi respint.

*It-Tieni Aggravju tal-Avukat Generali u s-Sitt Aggravju tar-Rikorrenti*

60. In kwantu konnessi, dawn iz-zewg aggravji ser jigu trattati flimkien. Dawn jikkoncernaw ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti wara s-sejba ta' lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli.

61. Fl-aggravju tieghu l-Avukat Generali jissottometti illi, dato non concesso li kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti fic-cirkostanzi tal-kaz.

62. Da parti taghhom, ir-rikorrenti jissottomettu illi s-somma ta' €2,000 bl-ebda mod ma tirrispekkja dak soffert minnhom materjalment u moralment u ghalhekk il-kumpens ghandu jigi awmentat sabiex jigi rifless dak li jghid l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni u jigi sodisfatt kemm jista' jkun il-principju tar-*restitutio in integrum*. Jghidu wkoll li d-*dies ad quem* lanqas biss ghadu avvera ruhu ghaliex il-kawza 2219/00, hmistax-il sena wara li nbdiet, ghadha qed tistenna li tigi mismugha mill-Qorti tal-Appell.

63. In tema legali ssir referenza ghall-osservazzjonijiet moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Anton Camilleri v. Avukat Generali**, 1 Frar 2016, fejn dwar kumpens xieraq irrijaffermat is-segwenti principji:

> "39. Ghandu jinghad ukoll illi l-problema tad-dewmien huwa wieħed sistematiku u mhux xi haga li laqtet biss lil dan il-kaz partikolari. In-nuqqas tal-iStat huwa ghalhekk aktar gravi, u jsir aktar gravi jekk, minkejja l-ħafna episodji ta' dewmien li dwarhom ingħatat kundanna minn dawn il-qrati, il-problema tibqa' ma tigix indirizzata b'mod adegwat.[22]
>
> "40. Sabiex tasal ghal ammont ta' kumpens li jkun gust u ekwu skont ic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti ghandha tqis, fost affarijiet ohra, s-segwenti cirkostanzi: "[a]. id-dewmien inordinatament twil u eccessiv; "b. in-natura kriminali tal-proceduri relevanti; "[c]. il-grad ta' stat ta' incertezza, frustrazzjoni, u ansjeta' li d-dewmien necessarjament iggenera persuna akkuzata; "[d]. in-nuqqas tar-rikorrenti appellanti li jintraprendu xi inizjattiva biex jissolecitaw speditezza fl-andament tal-kawza taghhom; "[e]. il-kontribut tar-rikorrenti appellanti ghad-dewmien tal-proceduri. *[Qorti Kostituzzjonali* ***Raymond Urry et v. Avukat Generali****, 27 ta' Frar 2015]."*

64. Issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, fl-ismijiet **Victor Gatt et v. Avukat Generali u Maltapost plc** (C22796), fejn din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Dwar *just satisfaction*, ir-regola hija li meta l-Qorti ssib li hemm vjolazzjoni, sa fejn hu possibbli, l-istat ghandu jipprovdi ghal *restitutio in integrum*. Meta dan ma jkunx possibbli jew inkella jkun biss parzjalment possibili l-Qorti ghandha taghti *just satisfaction*. Id-decizjoni li d-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni wahedha tkun bizzejjed hija l-eccezzjoni u ghandha tkun riservata ghal kazijiet fejn hemm rimedju jew konsegwenzi huma zghar. Fil-kazijiet l-ohra fejn il-lezjoni hija aktar serja l-Qorti ghandha taghti kumpens pekunjarju ghal dik il-vjolazzjoni. Hu biss recentement li l-Qorti ta' Strasbourg bdiet tindika f'certi kazijiet forom specifici ta' riparazzjoni bhall-bdil fil-ligi.
>
> "Kif inghad fis-sentenza *Amato Gauci v. Malta* deciza fil- 15 ta' Settembru 2009, "Under Article 41 of the Convention the purpose of awarding sums by way of just satisfaction is to provide reparation

[22] Q. Kos Samuel Onyeabor v. Avukat Generali, 14 ta' Dicembru 2015

> solely for damage suffered by those concerned to the extent that such events constitute a consequence of the violation that cannot otherwise be remedied”(ibid., § 249). ……..( para 80).

65. Fil-kaz odjern, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti, illi ma ngabet ebda gustifikazzjoni ghal dewmien ta’ iktar minn seba’ snin ghall-ghoti tas-sentenza. Barra minn hekk, kif fuq spjegat, din il-Qorti irravizat ksur tal-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Ghalhekk ma huwiex korrettl-intimat Avukat Generali meta jsostni li dikjarazzjoni ta’ lezjoni ghandha tkun sufficjenti.

66. Fil-fehma ta’ din il-Qorti r-rikorrenti jimmeritaw kumpens non-pekunjarju ghal tali lezjonijiet u l-konsegwenti tensjoni, frustrazzjoni u tbatija li dawn gabu maghhom. Fil-komputazzjoni tal-kumpens dovut lir-rikorrenti l-Qorti qieset is-segwenti fatturi: (1) il-fatt li l-kawza damet tigi differita ghal izjed minn seba’ snin semplicement sabiex tinghata s-sentenza[23]; (2) il-fatt illi wara sittax-il sena dawn il-proceduri ghadhom qed jistennew li jinstemghu fl-appell; (3) il-fatt li r-rikorrenti, konjugi Farrugia, damu ghal zmien sostanzjali prekluzi mit-tgawdija pacifika tal-fond fejn kienu joqghodu u li kien iservi bhala d-dar matrimonjali taghom; (4) il-fatt li matul dawn is-seba’ snin ir-rikorrenti ma hadux il-passi previsti mill-Artikolu 195(5) tal-Kap 12, sabiex din il-mankanza tigi indirizzata; (5) il-livell ta’ ghixien ta’ pajjizna u (6) in-natura civili tal-proceduri odjerni b’differenza minn dawk kriminali. Tenut kont ta’ dawn

23 Il-kawza thalliet ghall-ewwel darba ghas-sentenza waqt l-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2006. Id-decizjoni nghatat fis-27 ta' Marzu 2014.

il-fatturi l-Qorti tqis li f'dawn ic-cirkostanzi l-kumpens xieraq ghandu jkun ta' €5,000 u mhux ta' €2,000 kif deciz mill-ewwel Qorti.

67. Ghaldaqstant l-aggravju tal-Avukat Generali mhuwiex gustifikat u ghalhekk qed jigi michud, filwaqt li l-aggravju tar-rikorrenti konjugi Farrugia huwa gustifikat u ghalhekk qed jigi milqugh fil-limiti tal-premess.

*Is-Seba' Aggravju tar-Rikorrenti [Spejjez]*

68. Dan l-aggravju jikkoncerna l-fatt illi ghalkemm ir-rikorrenti fethu l-kawza biss kontra l-Avukat Generali, huma qed jigu kostretti jhallsu tlett kwarti mill-ispejjez kollha, inkluz dawk relattivi ghall-kjamati in kawza.

69. Din il-Qorti tibda billi tirrileva illi ma sar ebda appell mid-decizjoni tal-ewwel Qorti illi ammettiet fil-kawza lill-MEPA u lill-konjugi DeGaetano. Izda peress li parti mis-sentenza appellata ser tigi revokata, senjatament dik il-parti relatata mat-talba ghal dikjarazzjoni tal-lezjoni tal-art.1 Protokoll 1 u parti mit-talba li tirrigwarda l-*quantum* tal-kumpens, ghandu jkun hemm temperament tal-ispejjez akkollati mill-ewwel Qorti biex jirrifletti dan it-tibdil fis-sentenza appellata. Ghalhekk, filwaqt li l-Avukat Generali ghandu jhallas 3/5 tal-ispejjez tal-ewwel istanza, ir-rikorrenti konjugi Farrugia ghandhom ihallsu 2/5 minn dawn l-ispejjez.

70. Dwar il-mertu tal-aggravju mbaghad, ossia illi huwa l-istat il-"*guarantor*" tal-harsien tad-drittijiet imhaddnin mill-Konvenzjoni u mhux l-individwu, jinghad illi tezisti gurisprudenza patria kopjuza illi tistabilixxi l-principju li l-gudizzju ghandu jkun integru kemm jista' jkun kemm ghall-effikacja u l-ekonomija tal-gudizzju u kif ukoll sabiex jigu jsostnu r-ragunijiet ta' wiehed jew l-iehor mill-partijiet f'kawza. Is-sejha fil-kawza jista' anke jsir mill-Qorti *ex ufficio* [vide in subjecta materja PA (Sede Kostituzzjonali) **Emanuel Camilleri v. Spettur Louise Calleja u l-Kummissarju tal-Pulizija** deciza fis-6 ta' Mejju 2014].

71. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat in kwantu jirrigwarda l-apporzjonament tal-ispejjez, izda infondat in kwantu ghall-pretenzjoni li r-rikorrenti m'ghandhomx ihallsu spejjez relatati mal-kjamata fil-kawza tal-MEPA u ta' Dr Tony Degaetano.

**Decide**

72. Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi: tichad l-appell tal-Avukat Generali fl-intier tieghu; tilqa' l-appell tar-rikorrenti konjugi Farrugia billi: tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn iddikjarat li ma hemmx ksur tal-Art.1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u, minflok, tiddikjara li hemm ksur ta' dan l-artikolu konvenzjonali; tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn stabbiliet il-kumpens fl-ammont ta' €2,000 u,

minflok, tistabbilixxi l-kumpens fl-ammont ta' hamest elef euro [€5,000] u tordna li dan l-ammont ghandu jithallas mill-Avukat Generali lill-imsemmija rikorrenti.

73. L-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom jithallsu in kwantu ghal tlieta minn hamsa [3/5] mill-Avukat Generali, filwaqt li r-rimanenti tnejn minn hamsa [2/5] jithallsu mill-istess rikorrenti konjugi Farrugia. L-ispejjez relatati ma' dan l-appell ghandhom jithallsu kif ser jinghad: dawk relatati mal-appell tal-Avukat Generali ghandhom jigu sopportati minnu fl-intier taghhom, filwaqt li dawk relatati mal-appell tar-rikorrenti ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal hamsa minn tmienja [5/8] mill-Avukat Generali u tlieta minn tmienja [3/8] mir-rikorrenti konjugi Farrugia.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb